**IT-TRIBUNAL TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI**

**Illum it-2 ta' Novembru 2023**

**Rikors numru: BCT/30/2023 BCT**

**Membri:**

Avukat Christopher L. Vella L.L.B., Dip. Not., LL.D.(Melit.)
Perit Samuel Formosa B.E.&A.(Hons), M.Sc. Arch.(Lond), M.Sc.(Env.Pln.& Mgt.), A.&C.E.
Inġ. Johan A. Psaila B. Eng. (Hons.), Pg. Dipl. (Brunel)

---

**Charles Bugeja**

**vs**

**Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni**

**It-Tribunal**

Ra r-rikors tal-appell ippreżentat mill-appellant Charles Bugeja rigward żvilupp bil-permess PA/3465/22 li jinsab f'92 Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fejn huwa ppremetta u talab is-segwenti:

> *I would like to appeal this fine on the following basis:*
>
> *On that day BCA officers visited our site in Iklin and advised our workers to ensure that all materials that fell onto the pavement since they were clearing out the demolished site, is to be cleared completely before closing up. This was completely done and evidence is attached.*

*On that same date, our STO engineer James Abdilla also visited the site in the afternoon to ensure that what was requested by BCA was done and he also took photos as evidence that this was completed. Eng. James Abdilla also emailed BCA on the email appeals@bct.org.mt on 20.07.23 to advise you of the above.*

Ra r-risposta tal-Awtorità li permezz tagħha wieġbet u eċċepiet is-segwenti:

*Illi l-Awtorità appellata qegħda umilment tissottometti li kwalunkwe deċiżjoni meħuda kienet in konformita' ma dak rikjest mil-liġi, u kwindi korretta f'kull aspett;*

*Illi durante t-trattazzjoni tal-appell, r-rappreżenatanti tal-Awtorità appellata ser jkunu qegħdin jispjegaw f'iktar dettal il-fatti, fejn skont l-annessi ritratti mmarkati Dok A1 sa Dok A9 , jidher ċar li kien hemm nuqqas ta' stekkat hekk kif titlob il-liġi.*

*Għaldaqstant fuq dak suindikat, l-Awtorità appellata qegħda umilment titlob lil dan l-Onor. Tribunal sabiex tiċħad l-appell odjern;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbali tas-seduti kollha li seħħew quddiem it-Tribunal.

Ra d-deposizzjonijiet tax-xhieda kollha li tressqu quddiem it-Tribunal.

Ra li l-partijiet iddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq.

Semgħa t-trattazzjonijiet finali tal-partijiet.

Ra l-verbal tas-seduta tas-27 ta' Settembru 2023, fejn l-kawża tħalliet għal-llum għas-sentenza.

***Ikkunsidra:***

Dan huwa appell mill-imposizzjoni ta' penali amministrattiva fl-ammont ta' ħames mitt euro (€500) maħruġa mill-Awtorità intimata nhar l-20 ta' Lulju, 2023. Ir-raġuni mogħtija mill-

Awtorità għall-penali amministrattiva hija li kien hemm nuqqas ta' stekkat waqt li kienu għaddejin ix-xogħlijiet.

L-appellant xehed tul il-proċeduri u huwa jgħid li r-raġuni għala ma sarx stekkat kienet peress li kellha bżonn taqa l-faċċata. Huwa jgħid ukoll li kellu nies fil-kantunieri sabiex iwaqfu l-pubbliku in ġenerali milli jgħaddu minn fuq il-bankina waqt li kienet qiegħda tiġi żarmata l-faċċata. Huwa jgħid li dakinhar filgħaxija stess is-sit kienet magħluqa permezz ta' *hoarding* u preżenta ritratti bħala prova ta' dan.

Xehed ukoll Brandon Muscat, bħala rappreżentant tal-Awtorità fejn huwa spjega li meta hu żar is-sit sabu xi ġebel u tifrik mill-faċċata barra fit-triq u s-sit ma kinitx imdawra b'*hoarding*. Hu insista li l-hoarding kellu jsir qabel taqa l-faċċata u mhux wara għax dan kien jipprevjeni milli ġebel jaqa' fit-triq.

It-Tribunal jibda biex jagħmel referenza għall-obbligu ġenerali li r-Regolament 6 tal-Avviż Legali 340 tal-2022 jimponi fuq kwalunkwe żvilupattur.

*6. Mingħajr preġudizzju għall-ħtiġijiet speċifiċi stipulati fi kwalunkwe liġi oħra, kwalunkwe klijent li jwettaq jew jikkommissjona xogħlijiet għandu jiżgura li x-xogħol isir b'tali mod li jikkawża l-inqas inkonvenjent billi jiżgura illi jkun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ewwel, it-Tieni, it-Tielet u r-Raba' Skedi.*

It-Tieni Skeda tal-Avviż Legali imsemmi tgħaddi sabiex tati dettalji ċari dwar it-tip, l-għamla u d-dimensjonijiet tal-istekkat li għandu jsir skond il-fatti speċie u ċ-ċirkostanzi tas-sit in kwistjoni.

Huwa evidenti għat-Tribunal li l-appellant naqas milli jagħmel kwalunkwe forma ta' stekkat. Filwaqt li jifhem li l-operazzjoni li kienet qiegħda ssir ma kinitx tagħmilha faċli li dan l-istekkat isir, it-Tribunal jifhem ukoll li soluzzjoni li kien hemm u stekkat kien possibli li jsir. B'hekk ix-xogħol kien isir b'aktar sigurta' u bl-anqas inkonvenjent għall-pubbliku in ġenerali. It-Tribunal filwaqt li jifhem li l-appellant ikkoopera mill-ewwel u għamel dak kollu neċessarju wara li ġie mitlub sabiex jagħmel hekk mir-rappreżentanti tal-Awtorità, jifhem

ukoll li dawn il-prekawzjonijiet kellhom jittieħdu qabel sabiex ikun hemm ħarsien assolut tal-obbligi li l-appellant għandu qua żvilupattur.

Għaldaqstant it-Tribunal ser jgħaddi sabiex jiċħad l-appell.

**Decide**

Dan it-Tribunal, għar-raġunijiet fuq imsemmija qiegħed jaqta' u jiddeċiedi l-Appell billi jiċħdu u b'hekk jikkonferma d-deċiżjoni tal-Awtorità ta' nhar l-20 ta' Lulju, 2023.

| | | |
|---|---|---|
| **Dr Christopher L. Vella** | **Perit Samuel Formosa** | **Inġ. Johan Psaila** |
| Chairperson | Membru | Membru |